*l-miġja tiegħu f'din l-art tagħna mhux biss swiet biex tgħarrafna min huwa Alla tas-sewwa, imma għamlitna wkoll ulied il-Knisja tiegħu u fuq kollox nisslet f'missirijietna u fil-ġebbieda tagħhom, fidi qawwija, fidi ħajja u tal-għaġeb li baqgħet tintiret mix-xjuħ għaż-żgħar u baqgħet ixxettel u tissedd/aq mal-mixja tas-sekoli.*

*Din il-fidi li ġibilna San Pawl kienet u għadha u tibqa' l-qofol tal-ħajja Maltija; hija tfassal id-drawwiet, ix-xejriet u l-ġibdiet tan-nisel tagħna, hija, biex ingħid hekk, ir-ruħ tal-ġens Malti. Imma l-għaġeb ta' dejjem hu kif dik il-ħrara li San Pawl qajjem għall-fidi ta' Kristu baqgħet issaltan hawn matul il-mijiet ta' snin li għaddew minn meta huwa refa' idu, għolla leħnu u ippriedka l-verità Nisranija. Matul dawn is-snin kollha Malta laqgħet nies kbar, semgħet dottrini ta' għerf, ġarrbet saltniet ta' qawwa u għarfet idejiet ġodda, imma dawn kollha ntfew u ntemmu, għaddew u ħallew tifkira tagħhom fl-istorja. Il-kelma ta' San Pawl biss damet tidwi sħiħa u qawwija u l-personalità tiegħu baqgħet tħaddan il-ħidma kollha ta' niesna u ssaltan fuq ħajjithom.*

*San Pawl u Malta ntrabtu hekk flimkien li ma jistgħux jingħażlu minn xulxin u ma tistax taħseb f'waħda bla ma tiftakar fl-ieħor. Fil-kobor ta' Gżiritna tidher il-figura ta' San Pawl u fost il-glorji ta' dan il-Qaddis tingħadd ewlenija l-Gżira tagħna.*

*Haġa ta' min isemmiha huwa l-fatt li San Pawl ma jiddominax biss fil-ħajja spiritwali ta' Malta, iżda Hu jifhem u jnebbaħ kull xejra fil-ħajja ta' kuljum, ħajja ordinarja, kulturali, artistika, soċjali u uffiċjali. Wieħed mill-patrimonji ewlenin ta' pajjiżna huwa l-ġabra ta' opri letterarji, pittura u skultura ispirati minn San Pawl jew mill-miġja tiegħu fostna. Hekk ukoll is-sisien tar-Reliġjon li għallimna Hu jixxenxlu fit-tagħlim, fil-liġi u fil-Gvern ta' Malta u jagħtu għajxien u ħajja lil dawn it-tliet kolonni ta' l-istat f'Malta.*

*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tissieħeb mal-għaqdiet u mas-setgħat kollha ta' Malta biex tagħti ġieħ lil San Pawl f'din is-sena tiegħu, iżda hija tħoss li aktar mill-oħrajn għandha motiv li tweġġħu u tqimu għax ismu u għamilu minn dejjem saħħru*



*u heġġew l-aqwa kittieba ta' Malta u kienu dejjem għajn ta' ispirazzjoni għall-opri letterarji.*

*Mitt sena ilu, fl-1860, C. Frendo Cumbo ħareġ "Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta", biċċa xogħol għall-palk f'ħames atti. Hija waħda mill-ftit opri drammatiċi ta' stil klassiku miktuba f'versi, li għandna fil-letteratura tagħna. Din is-silta li ġejja, meħuda minn dik l-opra, tqiegħed f'fomm San Pawl sentiment li kien jinħass minn dawk li xtaqu l-ġid lil Malta f'dak iż-żmien u li għadu sħiħ il-lum:*

**PAWLU:** O nies ta' din il-gżira
Tkunu mberkin ilkoll...
.................................
.................................
Inħabbu lkoll bħal aħwa
La tagħtux lok lill-għira,
U intom taraw sewwa
Li l-art tibqa' tagħtikom,
U s-sema dejjem iħenn għalikom".

*"Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta"*
Ħames Taqsima — Raba' Turija.

## INFAKKRU

**Infakkru li wasal il-ħlas ta' l-abbonament f'IL-MALTI għas-sena 1960. Nitolbu bi ħrara lill-Imseħbin f'IL-MALTI u lill-Membri tal-Għaqda li baqgħu lura fil-ħasijiet tas-sena jew snin ta' qabel biex ifittxu jirregolaw ruħhom mat-Teżorier u jwieġbu għall-Memorandum li lilhom inbagħat dwar l-arretrati li għadhom ma ħallsux.**